



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Lulju 2023
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0145(NLE)

8280/3/23
REV 3 ADD 2

LIMITE

ACP 25
COAFR 133
COLAC 36
COASI 76
WTO 49
RELEX 452

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9752/21 + ADD 1-2
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP), min-naħa l-oħra - Dikjarazzjonijiet

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-MINUTI TAL-KUNSILL

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

L-Awstrija tinsab lesta li tapprova l-approċċ propost, iżda trid tirrimarka li, għal raġunijiet kostituzzjonali, il-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, jista' biss jibda japplika b'mod proviżorju skont id-dritt internazzjonali mid-data li fiha tkun għarrfet lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, bħala d-depożitarju tal-Ftehim, bit-tlestija tal-proċeduri interni tagħha li jirregolaw id-dħul fis-seħħ tal-ftehim.

Dikjarazzjoni mill-Polonja

L-abbozz ta' ftehim ta' wara Cotonou huwa inkompatibbli mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali sal-punt li jissostitwixxi l-prinċipju ta' "ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel" espress fit-Trattati bl-espressjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" li ma tinsabx fit-trattat. Fejn il-ftehim jirreferi għal "ugwaljanza bejn is-sessi", il-Polonja ser tinterpreta dan il-prinċipju bħala l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 TUE u l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Barra minn hekk, il-Polonja tifhem il-formulazzjoni "ġeneru" li tinsab f'dan il-ftehim, u nieqsa fit-Trattati, bħala "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 157(2) u (4) TFUE.

Il-Polonja tifhem li drittijiet riproduttivi u oħrajn derivati, sinonimi jew simili għalihom, bħala azzjonijiet li jistgħu unikament ikollhom l-għan li jappoġġaw direttament u jsalvaw is-saħħa u l-ħajja tal-bniedem, u għalhekk topponi d-derivazzjoni tal-abort u l-użu tal-kontraċezzjoni minnhom bħala forom ta' promozzjoni tas-saħħa, l-ippjanar tal-familja jew il-garanzija tad-drittijiet tal-bniedem. L-abort mhuwiex dritt tal-bniedem, iżda minflok huwa forma ta' ċaħda tad-dritt għall-ħajja.

Fir-rigward tal-hekk imsejja "edukazzjoni dwar is-sesswalità", il-Polonja tifhem li dan ifisser edukazzjoni xierqa għall-età u l-kontenut f'konformità mal-liġi u l-kurrikuli Pollakki xierqa bbażati fuqha.

Dikjarazzjoni mill-Portugall

dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra

Fir-rigward tal-prinċipju tad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, kif definit mit-Trattati, id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, ma taffettwax l-awtonomija tar-Repubblika Portugiża fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet internazzjonali tal-kompetenza esklużiva tagħha, li l-impenji tagħha jiddependu fuq it-tlestija tal-proċeduri interni ta' approvazzjoni, f'konformità mal-prinċipji u r-regoli kostituzzjonali.